MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 228/2015

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Gafa` Venus**

**ID393780-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u zewgt ewro, tnejn u hamsin centezmi (€502.52c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40152438 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-istess dokumenti mmarkati Dok.'IZY1' u Dok.'IZY2' – prospett u

ftehim ghall-akkont relattiv u Dok.‘IZY3’ – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok.‘IZY4’ – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba u li gew immarkati minn Dok.‘IZY1’ sa ‘IZY4’.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u zewgt ewro, tnejn u hamsin centezmu (€502.52c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------